MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 54/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Giuseppe Xuereb**

Kaz Numru: 54/2012

Illum 24 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Giuseppe Xuereb**, ta’ hamsa u sebghin (75) sena, iben il-mejtin Antonio u Maria Assunta neé Bugeja, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex, fis-27 ta’ Awwissu 1936, residenti fil-fond ‘Old Trafford’, Flat 1, Triq Sant’Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’

bin-Numru 61236(G), akkuzat talli nhar il-11 ta' Gunju 2012, f'xi hin bejn 14:00hrs u 15:00hrs, waqt li kien qieghed fil-blokka ta' appartamenti maghrufa bhala 'Old Trafford', Flat 1, li jinsabu fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem u fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx vjolenza pubblika kontra PS 342 Johan Said, PC 716 James Mercieca u WPC 133 Althea Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 342 Johan Said, PC 716 James Mercieca u WPC 133 Althea Sammut, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. talli ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 342 Johan Said, PC 716 James Mercieca u WPC 133 Althea Sammut, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. talli ingurja jew hedded lil PS 342 Johan Said u WPC 133 Althea Sammut bil-kliem;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza' lil Rita Xuereb, Rica Xuereb u Luigia Cachia li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom;

6. talli ingurja jew hedded lil Rita Xuereb bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Rita Xuereb, Rica Xuereb u Luigia Cachia, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.
Il-Qorti giet mitluba wkoll illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 342 Johan Said, PC 716 James Mercieca, WPC 133 Althea Sammut, Rita Xuereb, Rica Xuereb u Luigia Cachia u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 59) datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 338(ee), 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 382A, 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 62), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 88 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehed l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 17 *et seq.*) dwar l-investigazzjonijiet maghmula minnu dwar dak li gara fil-11 ta' Gunju 2012 go fond fi Triq Sant'Antnin, f'Ghajnsielem. Qal li l-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "BS 1" – *a fol.* 20 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 342 Johan Said** (*a fol.* 23 *et seq.*) li kkonferma l-kontenut tar-rapport redatt minnu (Dok. "JS 1" - *a fol.* 26 *et seq.*). Jispjega li fil-11 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-2.00pm acceda fil-post in kwistjoni u jghid li l-imputat kien aggressiv mal-Pulizija. Jghid: *"qabad kellu kelb, aw qisu money box forma ta' kelb qabbdu ghalina, pruvajt nikkalmah, hareg bis-salvagg mess pulizija, il-pulizija mara li kelli mieghi, imbaghad iddecidejt li minhabba s-safety taghna u s-safety tal-persuni l-ohrajn li kienu jghixu fl-istess blokka narrestah u niehdu l-Ghassa tar-Rabat. Ghall-ewwel kien se jikkopera, imbagad rega' gie aggressiv, u kelli nimmanettjah u hadtu l-Ghassa, ir-Rabat"* (*a fol.* 24). Jghid li l-imputat ghajru u qallu li kien ser ifittxu ghal-*lampshade* li kienet imkissra.

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 75 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013, jghid li Rita Xuereb kienet tidher mwerwra ghax l-imputat beda jhabbat b'mod vjolenti. Jiccara li: *"x'hin rajtu ma jridx jikkoopera ddecidejt li kif kienet is-sitwazzjoni kelli narrestah, infurmajtu, qalli li jrid ibiddel, tajtu l-access li jbiddel x'hin morna biex ibiddel sar aggressiv"* (*a fol.* 77).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **WPC 133 Althea Sammut** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qalet li wara li gew informati li kien hemm argument familjari f'Ghajnsielem, accediet fuq il-post flimkien ma' PS 342 u PC 716. Tghid li meta waslu, harget Rita Xuereb minn gol-gallarija: *"u qisha kienet agitata u mbezzgha"* (*a fol.*

34) u wadbitilhom ic-cwievet peress illi bezghet tohrog mill-bieb tal-komun. Tghid li Rita Xuereb qaltilhom li l-imputat (missier ir-ragel taghha) beda jhabbat fuq il-bieb ta' barra, u hekk kif marru jkellmu lill-imputat, dan hatafhom mal-ewwel: *"beda jghajjat, qabad jghajjat, ma taniex cans nitkellmu"* (*a fol.* 35). Tghid: *"Dan qabad mar wara mejdina gos-salott, qabad karus, hekk, qisu tac-ceramika u ppuntah lejna"* (*a fol.* 35). Tispjega li f'hin minnhom l-imputat mbottha u spicca qalilha li ma kellux ghalfejn imiss haga kerha bhalha! Tghid li l-imputat beda jghajjarha u jghajjat. Tispjega li meta mar ibiddel, l-imputat rega' spicca aggressiv.

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 80 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013, tghid li meta kienu qed jerqsu lejn l-imputat, l-imputat kompla jghajjat u mbottaha minn spallitha.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PC 716 James Mercieca** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn qal li huwa acceda fuq il-post in kwistjoni u li l-imputat kien aggressiv maghhom u li spicca qabad dak li huwa sejjah bhala figorin (forma ta' kelb) u ndirizzah lejhom. Jghid li l-imputat xejjer idejh u mess lil WPC 133. Jikkonferma li meta mar ibiddel, l-imputat rega' kien aggressiv. Jghid li meta kien qed jigi mmanettjat, l-imputat beda jxejjer b'idejh u anke b'saqajh.

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 84 *et seq.*), li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013, jghid li x'hin dahlu fil-post tal-imputat biex jehdulu l-verzjoni tieghu, l-imputat wriehom li ma ridhomx hemmhekk u kien f'dan il-hin li qabad il-figurin. Jghid li gie deciz li l-imputat jigi mmanettjat x'hin kienu fil-kamra tas-sodda tal-imputat meta dan rega' sar aggressiv.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Rita Xuereb** (*a fol.* 39 *et seq.*) li qalet li kienet fil-*flat* taghha flimkien ma' bintha Rica u ohtha Luigia u li f'hin minnhom bintha Rica dahlet tigri, sakkret il-bieb u nstema' hafna tahbit fuq il-bieb. Tghid li semghet lill-imputat (missier ir-ragel taghha) jghajjarha kemm jiflah u uza kliem hazin. Tispjega li twerwru u cemplu lill-Pulizija u baqghu gewwa sakemm marru l-Pulizija fuq il-post. Meta mistoqsija tghid

jekk grawx incidenti simili, wiegbet: *"Incident simili bhal dawn, mhux ta' tghajjir. F'Dicembru li ghadda mbuttani t-tarag"* (*a fol.* 41).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Luigia Cachia** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn xehdet li kienet ghand ohtha Rita Xuereb f'Ghajnsielem u li f'hin minnhom Rica, it-tifla ta' Rita, fethet il-bieb u dahlet tigri mwerwra u wara ftit semghet tahbit kbir fuq il-bieb. Tghid li semghet lill-imputat jghid biex johorgu minn hemm. Tghid ukoll li l-imputat beda jitkellem hazin. Tispjega li baqghu gewwa sakemm marru l-Pulizija fuq il-post.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Dr. Patrick Sciberras** (*a fol.* 57) li xehed rigward certifikat mediku Dok. "BS 2" – *a fol.* 22). Jghid li minkejja dak li allega l-imputat, cioé li gie msawwat, ma nstabu l-ebda sinjali esterni ta' vjolenza fuq l-imputat u li l-istess impurtat irrifjuta li jittiehidlu *x-ray*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed **l-imputat Giuseppe Xuereb** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-11 ta' Gunju 2012 kien ilu barra mill-4.00am u mar lura d-dar fis-2.00pm u li hekk kif dahal hu: *"il-mara tat-tifel bdiet tidghi u thabbat u tkisser"* (*a fol.* 64). Jghid li x'hin sema' hekk, mar ihabbat lill-mara tat-tifel fuq il-bieb u ma kellmitux. Jghid li rega' habbat u regghet ma kellmitux. Jghid li rega' habbat bis-sahha u regghet ma kellmitux u kellimha hazin. Jispjega li l-intenzjoni tieghu kienet li hi tieqaf mill-istorbju li kienet qed taghmel halli jkun jista' jistrieh. Jghid li wara xi nofs siegha marru l-Pulizija fuq il-post u qalulu li kienu ser jarrestawh. Jghid li f'xi hin minnhom qabad il-karus tat-tfal biex ma jkissruhx. Jispjega wkoll li meta mar biex ibiddel il-hwejjeg, Pulizija dahal warajh u tah daqqa ta' sieq go sidru u hekk kif kienu qed ilibsulu l-manetti qattaghlu l-qmis, kissru l-*lampshade* u tkisser in-nuccali tal-Pulizija. Jghid li wara li wasal l-Ghassa, ittiehed l-isptar u li ma ridtx li jittiehidlu *x-ray*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta mar ihabbat fuq il-bieb tal-mara t-tifel l-ewwel habbat darbtejn bil-mod u wahda bil-qawwi. Jghid li ma jistghax jissaportiha lill-mara tar-ragel

*“ghax hi mohhha mhux sewwa”* (*a fol.* 69). Jghid li meta habbat, qalilha: *“Jekk trid thabbat, mur ghand ommok. Mur hudu f’sormok!”* (*a fol.* 69).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)</u>**:
Illi f’din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-Artikolu 96 ghandu wkoll bhala vittma, bhal Artikolu 95, l-ufficjal pubbliku pero jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta’ dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta’ ordni moghtija minn xi awtorita’ ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta’ dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: “*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*”. Fin-nuqqas ta’ dana jista’ jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *“persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku”*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar ’il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana

r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghall-kummissjoni ta’ dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: “*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*.”

Il-Qrati taghna f’diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F’sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

“Dana l-artikolu (b’riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun “persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz””.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ghamel resistenza meta gie biex jigi arrestat. Ma jirrizultax li l-imputat kien disubbidjenti biss ghall-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. M’hemmx dubju li l-imputat uza l-forza meta kien qed jigi arrestat u pprova jirrezisti l-arrest da parte tal-Ufficjali tal-Pulizija. Minkejja li l-imputat jallega li ntuzat forza fil-konfront tieghu mill-Ufficjali tal-Pulizija, tant li jghid li gie moghti anke daqqa ta’ sieq go sidru (*a fol.* 67), ma jirrizultax li dan kien il-kaz. Il-Qorti mhijiex ser tikkumenta wisq fuq dan il-fatt, *stante* li m’hemmx x’jinghad ta’ sustanza ghajr ghal fatt li l-imputat ma riedx li jittiehdlu *x-ray* meta gie mibghut l-isptar u *stante* li Dr. Patrick

Sciberras xehed li minkejja li l-imputat allega li gie msawwat mill-Pulizija, ma nstabu l-ebda sinjali esterni ta' vjolenza fuqu. Apparti r-resistenza li offra l-imputat, il-Qorti tinnota li gie pruvat li effettivament l-imputat qabad il-karus u ppuntah lejn il-Pulizija, li l-Qorti hija konvinta li dan sar da parte tieghu biex jintimida lill-Pulizija li kienu qed jaghmlu xogholhom. M'huwiex kredibbli l-imputat meta jghid li huwa qabad dan il-karus biex il-Pulizija ma jkissruhx! Apparti dan, gie pruvat ukoll li f'xi hin l-imputat mbotta lil WPC 133 Althea Sammut.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tad-difiza sollevati fit-trattazzjoni taghha, fejn ippruvat tpingi lill-imputat bhala vittma. Jirrizulta li l-Pulizija marru fil-fond tal-imputat biex jaraw x'kien gara aktar qabel. Kien ikun ferm ahjar kieku l-imputat spjega x'kien x'gara milli offra rezistenza mill-ewwel ftit sekondi li kellmuh il-Pulizija bil-konsegwenza li s-sitwazzjoni eskalat minghajr ma kien hemm bzonn teskala. Il-Qorti tinnota wkoll li semghet u setghet tara lill-imputat jixhed u f'hin minnhom waqt id-depozizzjoni tieghu wissietu sabiex ma joqghodx jaghmel xeneggjati quddiemha (*a fol.* 68), xeneggjati li aktar jikkonvincu lill-Qorti li l-imputat ipprova jikkonvincieha minn xi haga li ma kienitx grat!

Illi m'hemmx dubju li t-tlitt (3) elementi essenzjali ghal kostituzzjoni tar-reat kkontemplat taht Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 gew sodisfatti. Ghaldaqstant, ghandha tinstab htija tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll

miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

Illi fil-konsiderazzjonijiet maghmula vis-à-vis Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 nghad li f'hin minnhom l-imputat qabad il-karus u ppuntah lejn il-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom. Inghad ukoll li l-imputat mbotta lil WPC 133 Althea Sammut u li wara li din qaltlu li lilha ma kienx hemm ghalfejn imissha, l-imputat qalilha li hu ma kellux ghalfejn imiss haga kerha bhalha! Il-Qorti tinnota wkoll li gie ppruvat li l-imputat beda jghajjat u kompla jghajjat meta ra lill-Pulizija u f'mumenti minnhom kien ukoll aggressiv tant li anke beda jxejjer idejh u saqajh. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li dak kommess mill-imputat huwa ghamlu biex jipprova jbezza' jew jinfluwixxi fuq l-ufficjali tal-Pulizija kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. M'hemmx dubju ghalhekk li ghandha tinstab htija fl-imputat ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjali tal-Pulizija. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, minn dak li nghad hawn fuq, m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

"Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi jirrizulta li l-imputat mar ihabbat fuq il-bieb tal-mara tat-tifel tieghu u filwaqt li huwa jghid li habbat ghal darba, darbtejn, tlieta, bl-ewwel darbtejn ikunu bil-mod u bl-ahhar darba bil-qawwi, *da parte* taghhom Rita Xuereb u Luigia Cachia jghidu mod iehor. Appart dan, sabiex tinstab htija taht Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 irid jigi pruvat *course of conduct*. Mill-provi prodotti u mismugha dan ma jirrizulta minn imkien. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti ghexet il-process kollu quddiemha u semghet lix-xiehda kollha prodotti u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhud.  Jirrizulta li waqt li kien qed ihabbat il-bieb ta’ Rita Xuereb, l-imputat beda juza diversi kliem fil-konfront taghha.  Dan jixhduh kemm Rita Xuereb kif ukoll ohtha Luigia Cachia.  Mill-assiem tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-verzjoni moghtija minn Rita Xuereb u Luigia Cachia hija wahda mis-sewwa. Ghalhekk, m’hemmx dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat ghas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Akkuza ohra ndikata fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 59)</u>**
<u>Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9</u>
Illi l-Qorti hija sodisfatta li mill-provi prodotti jirrizulta ghandha tinstab htija fl-imputat talli hebb kontra l-ufficjali tal-Pulizija u ghaldaqstant ser tinstab htija wkoll taht dan l-Artikolu.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha, ghajr ghall-hames (5) imputazzjoni, gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputat u li gew pruvati, l-eta tal-imputat u l-fedina penali tieghu (*a fol.* 8 – li minkejja li mhijiex wahda kompletament nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja u li l-ahhar li nstab hati l-imputat kien fis-sena 1988).

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati.   Il-Qorti hija konxja tal-portata tas-sentenzi bhal **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, deciza fit-30 ta’ Lulju 2004 u **Il-Pulizija vs. Stephen Mamo**, deciza fit-23 ta’ Lulju 2010, it-tnejn decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, pero l-Qorti mhijiex tal-fehma, u dana ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti, li f’dan il-kaz ghandha

tinghata piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Novembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia et**, fejn dak li qalet il-Qorti, u li ser jigi kwotat, jista' jigi applikat ghall-kaz odjern. Il-Qorti qalet hekk:

"Huwa tassew li fl-incident il-Pulizija ma sofrew l-ebda ferita izda dan ma jfissirx li l-Artikoli 95 u 96 ghandhom jitqiesu biss meta jkun hemm il-feriti. **Anzi dawn l-artikoli huma intizi sabiex wiehed joqghod attent imqar jekk biss jghaddilu minn mohhu li jaffronta l-Pulizija**".

Illi, fis-sentenza kwotata, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati fl-istess sentenza, iddecidiet billi kkonfermat sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema appell gie intavolat mill-Avukat Generali wara li talab li tigi nflitta piena ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz odjern ghandha tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza u dana sabiex l-imputat jifhem l-izball li ghamel u ma jergghax jirrepetih. Minkejja li l-Qorti setghet ukoll tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li kieku applikat dan l-Artikolu kienet tkun qed timminimizza wisq dak li ghamel l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-5 ta' Dicembru 2012 b'mod partikolari Artikoli 95, 96(a), 338(ee), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

*In oltre*, il-Qorti, tenut kont ta’ dak li gie mismugh f’dawn il-proceduri, tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet, u dana peress illi ma tarax raguni valida ghala dan l-Artikolu ghandu jigi applikat. Minkejja dan, il-Qorti, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ PS 342 Johan Said, PC 716 James Mercieca, WPC 133 Althea Sammut, Rita Xuereb, Rica Xuereb u Luigia Cachia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------